B 2799

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,367, 27 ta' Diċembru, 2024

Taqsima B

A.L. 377 tal-2024

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2)(ċ), 11A u 17 tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja u dawn ir-Regolament għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 623.12.

Sostituzzjoni tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 15 tar-regolament prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Eżamin-azzjoni u deċiżjonijiet ta' liċenzjar mill-Kumitat.

15. (1) Il-Kumitat għandu jevalwa l-kompetenza professjonali tal-applikant permezz ta' eżami li jsir għal tali għan sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' kompetenza tal-applikant fis-suġġetti elenkati fl-Iskeda II, wara li l-applikant ikun temm b'suċċess il-kors ta' taħriġ inizjali provdut mill-Awtorità jew kwalunkwe kors ieħor akkreditat li l-Awtorità tista' tqis xieraq.

(2) L-eżami għandu jkun fil-forma ta' eżami bil-miktub u, jew orali u eżami prattiku.

(3) L-eżami għandu jiġi evalwat kif ġej:

(a) attendenza għall-korsijiet ta' taħriġ inizjali u, jew korsijiet akkreditati – 20%;

(b) bil-miktub u, jew orali – 40%; u

(ċ) prattika – 40%.

(4) Jekk l-applikant jeħel fl-eżami bil-miktub u, jew orali jew fl-eżami prattiku, huwa għandu jkollu d-dritt li jerġa' joqgħod għall-imsemmija parti tal-eżami fis-sessjonijiet kollha provduti mill-Awtorità fi żmien sena (1):

Iżda jekk l-applikant jonqos milli jgħaddi mill-eżami stipulat fi żmien sena (1) mill-ewwel eżami, huwa għandu d-dritt li jerġa' japplika għal-liċenzja tal-bennej mill-ġdid:

Iżda wkoll l-applikant jista', wara li jkun falla żewġ (2) tentattivi fil-perjodu stipulat ta' sena (1), jikteb lill-Kumitat, li fid-diskrezzjoni tiegħu għandu jikkunsidra l-applikazzjoni tal-applikant abbażi tal-esperjenza.

(5) Jekk il-Kumitat jilqa' t-talba tal-applikant u jikkunsidra l-applikazzjoni tal-applikant abbażi tal-esperjenza tiegħu, il-Kumitat għandu jwaqqaf sottokumitat ta' esperti li għandu jevalwa l-portafoll tal-applikant.

(6) Is-sottokumitat ta' esperti għandu jkun kompost minn ħames (5) membri li għandu jkollhom għarfien u għarfien espert fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, il-kwistjonijiet legali, is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jew suġġetti oħra relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni:

Iżda wieħed (1) mill-membri għandu jkun bennej liċenzjat:

Iżda wkoll wieħed (1) mill-membri għandu ikollu l-warrant ta' Perit li għandu jkun ilu jipprattika l-professjoni għal mill-inqas għaxar (10) snin.

(7) Il-Kumitat għandu jasal għal deċiżjoni dwar applikazzjoni sottomessa skont dawn ir-regolamenti fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha jiġi komplut l-eżami:

Iżda fejn il-Kumitat jonqos milli jasal għal deċiżjoni dwar applikazzjoni, għandha tiskatta konċessjoni ta' darba (1) ta' perjodu ta' ħmistax (15)-il jum li matulu għandha tittieħed deċiżjoni finali.

(8) Fi kwalunkwe stadju qabel id-determinazzjoni finali tal-applikazzjoni, il-Kumitat jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni dwar l-applikant minn kwalunkwe awtorità kompetenti, kif jista' jqis meħtieġ.".

Jissostitwixxi r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

Rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja.

"18. (1) Meta l-Kumitat jirrifjuta applikazzjoni, hu għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha jkun kompletat l-eżami.

(2) L-avviż kif previst fis-subregolament (1) għandu jispeċifika li l-applikant għandu d-dritt sabiex, fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data tal-komunikazzjoni, jitlob għar-reviżjoni tal-eżami u jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Kumitat.

(3) Jekk il-Kumitat, wara r-reviżjoni u r-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-applikant, jibqa' jqis li l-applikant falla mill-eżami, għandu jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu bil-miktub."

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-proviso għar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-liċenzji validi attwali kollha li jiskadu fis-sena 2024 għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2025, u applikazzjoni għal tiġdid għandha tiġi sottomessa wara li l-Awtorità tkun ħarġet tali avviż.".